# IS-SURMAST



*J. Abela Scolaro*

PROFIL:

# IS-SURMAST JOSEPH ABELA SCOLARO

Is-Surmast Joseph Abela Scolaro, iben Margerita neè Camilleri u Carmelo twieled il-Ħamrun fid-9 ta' Frar, 1910. Il-mużika kienet twieldet miegħu għaliex missieru barra li kien kurunettista prima fit-Teatru Rjal, kien surmast ta' diversi baned u fundatur tal-banda ta' l-istitut ta' San Ġużepp. Zijuh Salvu wkoll kien Surmast tal-Banda San Gejtanu, u ħuh il-kbir Luigi kien ukoll idoqq prim flawt fit-Teatru Rjal.

Joseph minn ċkunitu wera il-ġibda li kellu għall-mużika, u beda jitgħallem ma' missieru, u għalhekk ma setgħax ma beniex fuq sisien sodi l-ewwel tagħrif ta' l-arti mużikali. Ta' disa' snin, tilef lil missieru u kompla l-istudju tal-pjanu għand is-Surmast Luigi Vella u għand il-pjanista Anġlu Abdilla. Aktar tard, għand is-Surmast Carlo Diacono beda l-armonija, imbagħad kompla l-istudju fil-kuntrapunt, fl-istrumentazzjoni, storja u forma għand is-Surmast Carmelo Pace. Dan l-istudju wasslu sabiex jikseb dawn id-diplomi mil-London College of Music. Fl-1937 A.Mus.L.C.M; fl-1945 L. Mus.L.C.M.; fl-1950 F.L.C.M.

Beda l-kariga ta' Surmast Direttur fl-1934 mal-Banda ta' l-Istitut ta' San Ġużepp. Mill-1943 sal-1972 mal-Banda San Gejtanu, Ħamrum. Mill-1945 sal-1979 sa ma miet, mal-Banda Unjoni, Ħal Luqa. Kien ukoll Surmast tal-Banda Mater Gratie Ħaż-Żabbar u tal-Banda Leone ta' Għawdex. Dawn il-baned, taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu, għaddew ħafna 'il quddiem fl-Arti mużikali.

Matul is-snin, is-Surmast Joseph Abela Scolaro kkompona mużika sagra u profana u diversi innijiet tal-parroċċa tal-każini tal-baned fuq il-versi ta' Dun Frans Camilleri, u poeti oħra bħal Dun Karm Psaila, Patri Cuschieri u ħafna oħrajn. Fost ix-xogħlijiet li għamel ta' min isemmi:

L-Oratarji klassiċi – Lil SAN GEJTANU
Lil SANT ANDREA
Lil MADONNA TAĊ-ĊINTURA
Lil MADONNA TAL-GRAZZJA

Innu taċ-Ċentinarju ta' SAN PAWL li rebaħ l-ewwel premju f'konkors nazzjonali.

L-Innu VEXILLA REGIS

L-Overtures – SLAVONIA
ALCESTIS
RACCONTO SINFONICO
REVERIE TONE POEM




Marcia Sinfonica – DIANA u NARCISSUS
Żewġ Operetti – CURE FOR COLDS u MIDAS

Kantata lil SAN PAWL xogħol għall-orkestra u kor li ndaqq għall-ewwel darba fiċ-ċentinarju ta' San Pawl.

Kiteb ukoll mużika klassika għall-versi ta' diversi awturi Maltin fosthom insibu:

INVITO ALL'AMORE
MYHEART REMEMBERS
IMORRU L-IMNARJA
ŻGĦAŻAGĦ FIX-XTAJTA
VOLLI SEMPRE VOLLI
WASAL IL-FEDDEJ

Ikkompona wkoll numru kbir ta' marċi funebri u marċi brijużi, sitt Quddisiet u Responsorji u Improperji għall-ĠIMGĦA L-KBIRA.

Kien Surmast tal-Kor "Malta Operatic Choral Society" li fl-1959 ħa sehem f'EISTEDDFOD Festival ta' Wales.

Fl-1960 Joseph Abela Scolaro inħatar Music Organiser fl-iskejjel tal-Gvern.

Il-mewt tiegħu fis-27 ta' April 1979 ħalliet vojt kbir fil-qasam mużikali, għax Malta tilfet wieħed mill-mużiċisti ewlenin tagħha.